MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 3/2004

Ganni Vella, U b'degriet tat-23 ta' Mejju, 2007
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Virgilio sive Ġino,
John Vella, Anthony Vella, Loreto sive Lorry Vella,
Lino Vella, Martina Zerafa, Pawla Mercieca, u
Mariosa Portelli flok Ġanni Vella li miet fil-mori tal-kawża .

vs

Mary Jane Rapa .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi bejn il-partijiet kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri kawża fl-ismijiet Ganni Vella vs Mary Jane Rapa li kienet iġġib in-numru Citazzjoni mija u ħmistax, żbarra, tlieta u disgħin (115/93) .

Illi l-partijiet waslu għal transazzjoni f'din il-kawża (Dok A) liema transazzjoni seħħet f'seduta peritali li ġiet miżmuma nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) .

Illi l-partijiet kienu kuntenti b'din it-transazzjoni u qablu li tingħata sentenza ai termini ta' l-istess transazzjoni, liema sentenza ġiet mogħtija fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok B) .
Illi din il-kawża u transazzjoni u l-eventwali sentenza mogħtija kienu kollha jikkonċernaw biss il-qasma ta' wisgħa ta' l-għalqa .

Illi sussegwentament il-konvenuta Rapa bdiet tinterpreta dan il-ftehim bħala li jiddefinixxu wkoll it-tul ta' l-għalqa, meta dan it-tul huwa defenit bl-aktar mod ċar permezz ta' testment u atti oħra . Sfortunatament il-konvenuta saħqet fuq din l-interpretazzjoni wara li kien il-perit tekniku nominat fil-kawża, li dherlu li kellu jinterpreta l-ftehim u daħħal f'moħħ il-konvenuta din l-interpretazzjoni .

Illi l-punt ta' l-interpretazzjoni kollha huwa dik il-parti tal-ftehim li titkellem "Il-konvenuta jibqgħalha dejjem tlieta u tletin pied u ħames pulzieri (33'5") wisgħa fuq in-naħa tagħha tal-qasma ta' fuq ta' Loreto Xuereb" . Illi din il-klawsola tirreferi għal wisgħa u mhux għat-tul liema wisgħa ġiet rispettata . Pero' l-konvenuta qed tipprova tinterpreta din il-klawsola, mod ieħor biex jirnexxilu jakkwista indebitament porzjon art li minn dejjem kienet proprjeta' ta' l-attur . Fil-fatt il-konvenuta qed tgħid illi l-kliem 'in-naħa tagħha tal-Qasma ta' fuq ta' Loreto Xuereb' tfisser illi l-konvenuta għandha tieħdu proprjeta' sal-parti li tiġi fl-estrem ta' fuq ta' Loreto Xuereb, meta fil-fatt il-kelma "ta' fuq" kienet qegħda tirreferi għal qasma ta' fuq tal-proprjeta' tal-konvenuta kif distinta mill-qasam ta' isfel, li tikkonfina mal-proprjeta' ta' Loreto Xuereb . Iżda żgur li mhux illi l-konvenuta għandha sal-qasma ta' fuq nett ta' Loreto Xuereb .

Illi sa minn dejjem din kienet l-intenzjoni mhux biss ta' l-attur iżda anke tal-konvenuta meta ġiet iffirmata dik it-

transazzjoni dan kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ ta' din il-kawża .

Illi llum il-ħajt inbena kif oriġinarjament miftiehem, iżda l-konvenuta qed tippretendi li dan jinqala' biex jerġa jinbena skond l-interpretazzjoni ġdida, mogħtija minnha .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenuta lil dik l-iskrittura ta' transazzjoni fis-sens illi l-kliem 'in-naħa tagħha tal-Qasma ta' fuq ta' Loreto Xuereb' tfisser illi l-konvenuta għandha tieħdu proprjeta' sal-parti tli tiġi fl-estrem ta' fuq ta' Loreto Xuereb, hija waħda skorretta .

2. Tiddikjara illi t-terminu "ta' fuq" kienet qegħda tirreferi għal qasma ta' fuq tal-proprjeta' ta' Loreto Xuereb . Iżda żgur li mhux illi l-konvenuta għandha tul sal-qasma ta' fuq nett ta' Loretu Xuereb .

3. Tiddikjara illi l-intenzjoni tal-partijiet u fi kwalunkwe każ l-intenzjoni ta' l-attur, meta ġiet iffirmata dik it-transazzjoni kienet fis-sens kif spjegat fit-talba ta' qabel din .

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrispetta l-iskrittura ta' transazzjoni kif oriġinarjament miftehma u kif għandha tiġi nterpretata skond it-tieni talba ta' din iċ-ċitazzjoni .

5. Tiddikjara illi l-ħajt diviżorju li llum ġie mibni huwa skond l-imsemmija transazzjoni .

6. Tiddikjara illi qasma bejn il-proprjetajiet kif stabbiliti b'dik it-transazzjoni hija skond il-ħajt kif inhu mibni llum u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħalli l-ħajt diviżorju kif inhu u tirrispetta l-qasma kif stabbilita b'dak il-ħajt .

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament ikkonfermata minnu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi :

1. Id-deżerzjoni tal-kawża a tenur tal-artikolu 963 (1) tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress illi l-proċedura bil-miktub f'kull kawża għandha tiġi magħluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiż-żmien ta' sitt (6) xhur ;

2. Illi, mingħajr l-ebda preġudizzju għal premess, in-nuqqas ta' notifika valida skond il-liġi tal-istess ċitazzjoni ;

3. Illi għal kawża odjerna hemm l-ostakolu tal-artikolu 825 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jgħid espressament illi fuq rikors ta' xi wieħed mill-partijiet, liema rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin ġurnata, il-Qorti tista' tikkoreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza jew tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti . Rikors simili qatt fil-fatt ma sar ;

4. Illi, fil-mertu u mingħajr l-ebda preġudizzju għal premess, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi bil-kawża odjern, l-attur qiegħed "ivvinta" proċedura f'forma ta' appell minn sentenza tal-ewwel grad ta' kawża li għaddiet in ġudikat u li minnha fir-realta' m'hemmx lok la ta' appell u lanqas ta' ritrattazzjoni ;

5. Illi fir-realta', dak li qiegħed jipprova jagħmel l-attur b'din il-kawża huwa li jevadi; (a) il-konsegwenzi ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 29 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet : "Ganni Vella vs Mary Jane Rapa armla ta' John", li sal-lum għadha ma setgħetx tiġi esegwita minħabba l-oppożizzjoni tal-istess attur u l-membri tal-familja tiegħu . Illi fil-fatt l-istess attur kien

qabad u bena l-ħajt fejn deherlu huwa mingħajr l-ebda supervizjoni mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti u biex jevadi ukoll (b) l-effetti ta' żewġ digrieti – wieħed tat-13 ta' Jannar, 2004 fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi l-istess xogħlijiet, sa fejn ma sarux skond is-sentenza, għandhom jitneħħew, u jerġgħu jsiru skond kif ġie deċiż f'dik is-sentenza, u dana taħta is-sorveljanza u direzzjoni tal-perit Tekniku, Guido Vella u l-ieħor tas-16 ta' Ġunju 2005 fejn l-istess Onorabbli Qorti kienet ordnat lill-attur sabiex dawn iwettqu l-ordni tagħha tat-13 ta' Lulju, 2004 fiż-żmien xahar u fin-nuqqas awtorizzat lill-konvenuti jagħmlu huma l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-atturi . Mit-13 ta' Awissu 2004 sal-ġurnata tal-lum l-istess xogħlijiet għadhom ma sarux .

6. Illi, mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-istess sentenza tad-29 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet : "Ganni Vella -vs- Mary Jane Rapa armla ta' John" hija ċara u ma tippermetti l-ebda interpretazzjoni .

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta maħlufa minn binha Paul Rapa għan-nom tagħha .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Rat il-verbal tagħha tal-24 ta' Novembru 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tad-deżerzjoni tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 963(1) tal-kap. 12.

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur dwar din l-eċċezzjoni .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuta qed issostni illi din il-kawża waqgħet deżerta għaliex il-proċeduri bil-miktub għalqu ferm wara s-sitt xhur preskritti mill-artikolu 963(1) tal-kap. 12 . Skond is-sub-inċiż (2) ta' l-istess artikolu fil-qorti ta' l-ewwel grad, bħal ma għandna fil-każ

in eżami, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni . Din iċ-ċitazzjoni ġiet intavolata fis-6 ta' Jannar 2004 u n-notifika tagħha lill-konvenuta saret biss fit-3 ta' Novembru 2006, kważi sentejn wara . Imma kif tajjeb jirrileva l-attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, dan ġara unikament għaliex kien hemm diffikulta' sabiex il-konvenuta tiġi notifikata, billi din ma baqgħetx toqgħod fir-residenza tagħha f'Għawdex, u nġabret f'xi dar ta' l-anzjani Malta, f'indirizz mhux magħruf .

Irriżulta madankollu illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2006, meta allura kienu ġia laħqu għaddew sew is-sitt xhur stipulati mill-liġi, "*deher Dottor Vincent Galea għall-konvenuti*"[1] u dana minkejja illi l-konvenuta kienet għadha mhix notifikata formalment biċ-ċitazzjoni u wisq inqas laħqet ippreżentat in-nota' ta' l-eċċezzjonijiet tagħha . Dan ġara presumibilment għaliex il-konvenuta kienet ġia taf bil-kawża, u nkarigat lill-legali tagħha sabiex jidher għaliha f'dik l-udjenza .

F'ċirkostanzi pjuttost simili, fejn kien ukoll deher il-legali tal-parti li kienet qajmet eċċezzjoni bħal din, il-Qorti ta' l-Appell ddeċidiet illi : " … *ma hemmx dubbju li l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni minħabba nuqqas ta' notifika tar-rikors ta' appell titsa' tiġi rinuzjata impliċitament - u għalhekk multo magis espliċitament - minn min għandu l-aktar interess li jissollevaha, u ċioe' l-parti li ma tkunx ġiet notifikata bir-rikors entro t-terminu msemmi* (ara passim Francis Xavier Formosa et v. Carmelo u Doris aħwa Mifsud : Appell 26.2.99) . *Apparti dak li jiddisponi l-Artikolu 732(2) tal-kap. 12, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 963 jipprovdi espressament illi* ***'il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba il-parti, li ma tkunx ġiet notifikata b'att meħtieġ għall-għeluq tal-proċess, tidher waqt is-smiegħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor***

[11] Ara verbal a fol . 25 tal-process .

***jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.'*** "[2]

Jirriżulta għalhekk illi l-preżenza ta' l-avukat tal-konvenuta f'dik is-seduta, fejn ma tqajmitx din l-eċċezzjoni, minkejja illi kienu ġia laħqu għaddew is-sitt xhur għall-proċeduri bil-miktub, u l-attur kien anke ppreżenta l-affidavit tiegħu,[3] għandha titqies bħala rinunzja taċita da parti tal-konvenuta għal din l-eċċezzjoni.

In vista għalhekk ta' din ir-rinunzja, l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni mqajjma mill-konvenuta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha ma tistax treġi, u qed tiġi miċħuda .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] George Sciberras et vs. Josephine Spiteri et : 8.6.04 ; ara wkoll Appell : F.X. Formosa et vs. Caremlo Mifsud et. : 26.2.1999 ; P.L. Jospeh Galea et vs. .Edwin Borg : 26.2.1999; David Hillman vs. G.R.A.P. Ltd. : 9.12.2003 .

[3] a fol, 20 - 23 tal-process .